MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2014

Numru 139/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**
**vs**
**Edward Joseph Zammit Maempel**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Edward Joseph Zammit Maempel, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 349568M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

Talli fit-3 ta' Lulju 2010 u fix-xhur ta' qabel gewwa x-Xewkija, Għawdex u ġewwa postijiet oħra f'dawn il-gżejjer, f'ħinijiet differenti;

1. Biegħ jew xort'oħra ittraffika fir-raża meħuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u l-pjanta kannabis kollha, jew biċċa minnha, liema droga

instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;
3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkommetta dawn ir-reati f'post, fi jew ġewwa ċentru, u jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqgħu z-zagħzagħ bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħhom.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) mogħtija fil-5 ta' Marzu, 2013, fejn il-Qorti illiberat lill-imputat mill-ewwel (1) u mir-raba' (4) imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, wara li rat it-taqsimiet 4 u 6, Artikoli 8(a) u (d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 (GN 292 tal-1939) sabet lill-imputat ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ikkundannatu għal perjodu ta' sena priġunerija u għall-hlas ta' multa ta' elf Euro (€ 1,000) u ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, il-Qorti ordnat lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom

x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri, u ċioe' is-somma ta' tlitt mija u tmienja u disgħin Euro u tlitt ċenteżmi (€ 398.03); u finalment, il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga eżebita taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Edward Joseph Zammit Maempel minnu ppreżentat fil-21 ta' Marzu, 2013 fejn talab lil din il-Qorti (i) tvarja s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel u mir-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll fejn sabet lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni, tħassar dik il-parti fejn sabet lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni ta' pussess aggravat tad-droga kannabis, u minflok issibu ħati biss tar-reat ta' pussess sempliċi u konsegwentement tgħaddi biex tagħti dik il-piena jew sanzjoni li tkun idoneja, jew alternattivament u mingħajr preġudizzju (ii) tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel u mir-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll fejn sabet lill-imputat ħati tat-tieni u tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, tirriformaha in kwantu għall-piena, billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-kaz odjern skont il-ligi.

**4.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali minnu ppreżentat fl-1 ta' April, 2013 fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirriforma is-sentenza appellata fis-sens illi :

a. tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat Edward Joseph Zammit Maempel ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll fejn ordnat lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti f'dawn il-proċeduri u fejn ordnat d-distruzzjoni tad-droga eżebita taħt il-ħarsien tar-Registratur;

b. tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn :

i. sabet lill-imputat Edward Joseph Zammit Maempel mhux ħati tal-ewwel (1) u tar-raba'(4) imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u illiberatu minnhom; u

c. minflok għar-raġunijiet premessi fir-rikors tal-appell :

i. issib lill-imputat Edward Joseph Zammit Maempel ħati tal-ewwel (1) u tar-raba'(4) imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

ii. tinfliġġi l-piena idoneja kontra l-imputat skont il-Liġi għar-reati addebitati lilu;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-3 ta' Lulju 2010 għall-ħabta tal-9.45 pm waqt li numru ta' puliżija kienu qed jagħmlu r-ronda fi Triq Imġarr, ix-Xewkija, Għawdex, nnutaw persuna li dehrilhom kienet suspettuża li kienet ġo vettura numru ta' reġistrazzjoni EZM 200 li ġiet segwita mill-pulizija msemmija bil-vettura tagħhom sakemm il-vettura EZM 200 ġiet osservata tieqaf ġo area ta' parkeġġ faċċata *football ground* fl-istess Triq Imġarr fix-Xewkija.Il-pulizija ddeċidew li javviċinaw lis-sewwieq tal-vettura EZM 200. Waqt li l-pulizija kienu qed javviċinaw il-vettura msemmija ġiet osservata mara riesqa lejn il-vettura li meta ntebħet bil-preżenza tal-pulizija rikbet malajr fil-vettura tagħha fil-qrib li minnha kienet għadha kemm ħarġet u telqet minn fuq il-post. Il-pulizija għamlu tfittxija fil-vettura EZM 200 u fuq il-persuna tal-imputat u nstabet sustanza suspettata kokaina, sigarett suspettat li kien tal-kannabis, biċċa foil, u sustanza oħra suspettata li kienet blokka tal-kannabis. Kollox ġie elevat. Flimkien mal-imputat fil-vettura EŻM 200, li rriżultat kienet reġistrata f'isem l-imputat, kien hemm ukoll, minn barra l-imputat, persuna oħra femminili li iżda ma rriżultax li kellha xi konnessjoni mad-droga misjuba. L-imputat ġie arrestat mill-pulizija u saritlu wkoll tfittxija fir-residenza tiegħu minn fejn ġew elevati romblu foil, miżien diġitali u karti tal-brim mill-kbar. L-imputat tressaq il-Qorti imputat kif ingħad.

**7.** Sostanzjalment l-aggravji tal-appellant Edward Joseph Zammit Maempel huma kif ġej:

1. Illi s-sejbien ta' ħtija tal-appellant tat-tieni imputazzjoni dwar il-pussess aggravat tad-droga kannabis mhijiex raġjonevoli u legalment korretta, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u minn imkien ma rriżulta illi dan il-każ ma kienx wieħed ta' pussess sempliċi.

2. Illi mingħajr preġudizju għall-premess l-piena inflitta fuq l-esponent hija eċċessiva tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

**8.** L-aggravji tal-appellant Avukat Ġenerali jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

1. l-ewwel Qorti żbaljat meta rriteniet li ma kienux jeżistu provi sodi sabiex l-imputat ikun jista' jiġi misjub ħati li biegħ jew ittraffika l-kannabis għaliex ma setatx tinsab ħtija sempliċement għax fl-istqarrija huwa qal li kien ta xi joint lill-istess persuna madwar tlett darbiet b'kollox;
2. l-ewwel Qorti kienet manifestament żbaljata meta rriteniet li l-aggravju konsistenti fiċ-ċirkostanza li r-reati ġew kommessi mill-imputat "f'post, fi jew ġewwa ċentru, u jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqgħu iż-żagħżagħ" ma kienx ġie pruvat mill-prosekuzzjoni stante li ma rriżultalhiex li dakinhar li l-imputat nqabad bid-droga kien hemm xi logħob jew attivita' oħra li kienet qegħda tinżamm fil-ground tal-football.

**Ikkunsidrat**

**9.** Fis-seduta quddiem din il-Qorti tas-6 ta' Diċembru 2013 id-difiża eċċepiet l-irritwalita' u konsegwenzjali nullita' tal-appell tal-Avukat Ġenerali peress li ġie allegat li ġie preżentat *fuori termine* u għalhekk din il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra qabel kollox din il-preġudizzjali.

**10.** Skont l-artikolu 417(1) tal-Kodiċi Kriminali, fil-każ ta' appell minn kawżi maqtugħa mill-Qorti tal-Maġistrati

(Għawdex), bħal ma hu l-każ odjern, ir-rikors tal-appell għandu jiġi ppreżentat fi żmien tnax-il jum tax-xogħol li jibdew igħaddu għall-Avukat Ġenerali minn dak in-nhar li jirċievi l-atti. Mill-atti tal-proċess jirriżulta mit-timbru tal-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali li jidher fuq l-ittra tar-Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex lill-Avukat Ġenerali li magħha ntbagħtu l-atti tal-kawża odjerna (fol. 107) li l-istess atti ġew riċevuti mill-Avukat Ġenerali fit-8 ta' Marzu 2013. Dan ifisser li t-tnax-il jum għall-preżentata tar-rikors ta' appell mill-Avukat Ġenerali kienu jagħlqu fil-ġurnata tat-Tlieta 26 ta' Marzu 2013. Il-ferjat fis-sessjoni ta' Għid il-Ħamsin kien jibda 'l għadha 27 ta' Marzu[1] u għalhekk il-proviso fid-dispożizzjoni tal-artikolu 108 tal-Kap. 12 applikabbli għall-proċeduri kriminal bl-artikolu 529(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, u li jipprovdi li fl-eventwalita' li l-aħħar jum ta' xi terminu legali jew ġudizzjarju jkun xi jum minn dawk it-terminu jitqies li jiskadi fil-jum li jiġi minnufih wara, ma japplikax. L-appell tal-Avukat Ġenerali jirriżulta li ġie preżentat fl-1 ta' April 2013 u ċioe' meta' t-terminu għall-appell tiegħu kien ġia skada. Għalhekk l-eċċezzjoni tad-difiża qed tintlaqa' u l-appell tal-Avukat Ġenerali sejjer jiġi dikjarat irrtu u null.

**11.** Sejjer issa jiġi kunsidrat l-appell tal-imputat Edward Joseph Zammit Maempel. **L-ewwel aggravju** tal-imputat, għalkemm jingħata xejra ta' natura legali, jikkonsisti sostanzjalment fis-sottomissjoni li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat jew irraġonevoli tal-provi meta rriteniet li kien ġie ppruvat li l-pusssess li kellu l-imputat ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. Fir-rigward ta' dan l-aggravju din il-Qorti tfakkar fil-ġurisprudenza kostanti li hi fis-sens li din il-Qorti bħala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Jekk din il-Qorti, iżda, tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida jekk mhux addirittura

[1] Regola 28(3)((b) tal-A.L. 279 tal-2008 kif emendat

mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u konklużjoni.
**12.** Il-Qorti għalhekk eżaminat bir-reqqa ir-raġunijiet li fuqhom straħet l-ewwel Qorti sabiex waslet għall-konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma kienetx sodisfatta kif trid il-liġi li l-pussess li kellu l-imputat kien għall-użu esklussiv tiegħu. F'dan ir-rigward hija għamlet riferenza ghall-ammont li nstab fil-pussess tal-imputat, u ċioe' 12.69 grammi, li dan kien biżżejjed għal 63 joint, li dan kien ifisser biżżejjed għall-konsum ta' ċirka tnax-il ġurnata, li ma kienx irriżulta li l-imputat kien xi *heavy user* tad-droga jew li huwa dipendenti b'mod kbir fuqha, li mit-tfittxija li saret fir-residenza tiegħu instab fil-pussess ta' miżien diġitali, romblu foil, karti tal-brim u libretti. Minn dawn iċ-ċirkostanzi l-ewwel Qorti mhux biss waslet biex tgħid li ma kienetx sodisfatta li l-pussess li kellu l-imputat ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu iżda saħansitra waslet għall-konkluzjoni pożittiva li l-ammont ta' kannabis misjub għand l-imputat ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. Din il-Qorti ma tara xejn irraġonevoli fir-raġunijiet mogħtija mill-ewwel Qorti u għalhekk din il-Qorti ma ssibx raġunijiet suffiċjenti skont il-liġi sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti. Din il-Qorti żżid li, bħall-ewwel Qorti, ma ssibx affattu kredibbli l-ispjegazzjoni li pprova jagħti l-imputat għall-pussess tal-miżien diġitali li huwa jgħid li kien jużaħ biex meta jixtri l-kannabis jara jekk dak li jkun ikunx qarraq bih għaliex ftit jista' jiswa' lill-imputat li wara li jkun akkwista u ħallas għas-sustanza joqgħod imur jivverfika jekk ġiex mqarraq jew le.

**13.** L-ewwel aggravju tal-imputat appellant qiegħed għalhekk jiġi respint.

**14. It-tieni aggravju** tal-imputat huwa dwar il-piena. F'dan ir-rigward ukoll għandu jigi ribadit li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-liġi u sakemm dik il-piena ma tkunx waħda manifestament eċċessiva jew ma jkunx hemm raġunijiet serji oħra li minħabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

**15.** Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, imbgħad, tenut kont tar-riżultanzi din il-Qorti ma tantx għanda spazju għal eżerċizzju ta' diskrezzjoni għaliex tenut kont tal-fatt li r-reat li tiegħu instab ħati l-imputat huwa wieħed li jinkwadra fl-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 il-Qorti, skont l-artikolu 22(9) tal-istess Kap. la tista' tinżel taħt il-minimu tal-piena, la tista' tapplika sentenza sospiża, u anqas tista' tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation u għalhekk trid neċessarjament tirrestrinġi ruħha għall-parametri tal-piena stabbilita u ċioe dik ta' minimu ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin apparti li l-liġi tipprovdi wkoll għall-ħlas ta' multa ta' mhux inqas minn 465.87 euro u mhux iżjed minn 11,646.87 euro.

**16.** B'danakollu, tenut kont tan-natura tar-reat li tiegħu l-imputat qiegħed jinstab ħati, tal-fatt li din hija l-ewwel darba li l-imputat qiegħed jinstab ħati ta' reat li jinkwadra fl-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 u tenut kont ukoll tal-ammont mhux konsiderevoli ta' droga li nstabet fil-pussess tiegħu, din il-Qorti hi tal-fehma li hemm lok ta' temperament tal-piena ta' priġunerija imposta mill-ewwel Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali b'dan li tibqa' ferma s-sentenza appellata in kwantu għall-piena tal-multa u in kwantu għall-ordni għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti.

Għall-motivi premessi din il-Qorti filwaqt li tiddikjara irritu u null l-appell tal-Avukat Ġenerali tilqa' in parti l-appell tal-imputat Edward Joseph Zammit Maempel u tirriforma s-sentenza appellata billi tbiddilha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-imputat għall-piena ta' priġunerija għal żmien sena u minflok tikkundannah għall-piena ta' priġunerija għal żmien disa' xhur u tikkonfermha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------